**15 ta' Frar, 1957**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt. LL.D.,**

**Il-Pulizija**

***versus***

**Emmanuel Fenech**

**Sentenza — Nullità — Appell — Art. 440 tal-Kap. 12.**

*Sentenza li fiha ċitat artikolu tal-Kodiċi Kriminali, meta dan l-artikolu messu kien tal-Liġijiet tal-Pulizija, tiġi li fiha ma ġie ċitat ebda artikolu tal-liġi in bażi għall-kundanna; u dan iġib għan-nullità tas-sentenza.*

*F'każi simili, il-Qorti tal-Appell tannulla dik is-sentenza u tordna li l-kawża tiġi "ex novo" trattata quddiemha stess biex tiġi minnha deċiża.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli fil-Furjana, f'dawn l-aħħar tliet xhur, dejjaq lill-ġirien billi ħaddem, jew ġiegħel jew ħalla lil min iħaddem, "loud speaker" (Rediffusion) daqshekk qawwi li jdejjaq lid-detenturi jew lin-nies li joqgħodu f'bini fil-qrib;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' Diċembru 1957, li biha, sabitu ħati u kkundannatu 10s. ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

**Ikkunsidrat;**

Il-Prosekuzzjoni rrilevat, "in limine litis", li fis-sentenza appellata hemm ċitat artikolu tal-Kodiċi Kriminali li kien, nveċe imissu ġie ċitat bħala artikolu tal-Liġijiet tal-Pulizija;

U verament fis-sentenza appellata hemm dak li ġie rilevat;

Hu ovvju li, b'daqshekk, ġie daqs kieku ma ġie ċitat ebda artikolu tal-liġi in bażi għall-kundanna. Dan iġib, skond il-liġi, għan-nullità tas-sentenza (ara "Pulizija vs. Cachia", Appell Kriminali 25. 9. 37; u s-sentenzi hemm ċitati);

Għalhekk, din il-Qorti tannulla s-sentenza, u konformement għall-art. 440 Kap. 12 tordna li l-kawża tiġi "ex novo" trattata quddiem din il-Qorti, biex tiġi minnha deċiża.